DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1538

tal-11 ta' Ottubru 2018

dwar l-armonizzazzjoni tal-ispettru tar-radju li għandu jintuża mit-tagħmir għal meded qosra fil-baned tal-frekwenzi ta' 874-876 MHz u 915-921 MHz

(notifikata bid-dokument C(2018) 6535)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettri tar-Radju) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Tipikament, it-tagħmir għal meded qosra (SRDs) ikunu prodotti għas-suq tal-massa u/jew portabbli li jkunu jistgħu jinġarru u jintużaw faċilment f'pajjiżi oħra. Id-differenzi fil-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-ispettru jistgħu ma jippermettux il-moviment ħieles tagħhom, iżidu l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħhom u joħolqu riskji ta' interferenza ta' ħsara ma' applikazzjonijiet u servizzi tar-radju oħrajn minħabba użu mhux awtorizzat. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/771/KE ([2]) tarmonizza l-kundizzjonijiet tekniċi għall-użu tal-ispettru għal varjetà wiesgħa ta' tagħmir għal meded qosra.

(2) Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) teżiġi li l-Istati Membri, b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, meta jkun xieraq, irawmu l-użu kollettiv tal-ispettru kif ukoll l-użu kondiviż tal-ispettru biex itejbu l-effiċjenza u l-flessibbiltà, u biex jippruvaw jiżguraw id-disponibilità tal-ispettru għall-"Internet tal-Oġġetti" (IoT) u l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (RFID). Il-kundizzjonijiet tekniċi għall-użu tal-medda ta' frekwenzi ta' 863-870 MHz għall-IoT inkluż għall-RFID huma koperti mid-Deċiżjoni 2006/771/KE, li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tekniċi ġenerali armonizzati għall-użu ta' varjetà wiesgħa ta' tagħmir għal meded qosra li, b'konsegwenza ta' dan, huma soġġetti għal xejn iktar minn awtorizzazzjoni ġenerali skont il-liġi nazzjonali. Madankollu, l-ambjent kondiviż għall-baned 874-876 MHz u 915-921 MHz jiddevja minn dan l-approċċ għall-ispettru għat-tagħmir għal meded qosra u għalhekk jitlob reġim regolatorju speċifiku.

(3) Abbażi tal-mandat permanenti maħruġ f'Lulju 2006 lill-Konferenza Ewropea tal-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT) skont l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 676/2002/KE biex taġġorna l-Anness tad-Deċiżjoni 2006/771/KE għall-iżviluppi teknoloġiċi u kummerċjali fil-qasam tat-tagħmir għal meded qosra, f'Lulju 2014 il-Kummissjoni staqsiet speċifikament lis-CEPT, fl-ittra ta' gwida tagħha għas-sitt ċiklu ta' aġġornament korrispondenti (RSCOM 13-78rev2), biex teżamina l-possibilità li ddaħħal it-tagħmir għal meded qosra fil-baned 870-876 MHz u 915-921 MHz filwaqt li tippermetti lill-amministrazzjonijiet nazzjonali ftit flessibilità u tipproteġi l-użu attwali tal-ispettru għal finijiet tal-ordni pubblika u tas-sigurtà pubblika u d-difiża (bħall-ajronawtiċi u vetturi tal-art mhux immexxijin mill-bniedem, it-telekmand u t-telemetrija mill-bogħod, ir-rilejs tattiċi tar-radju, is-sistemi tal-komunikazzjoni u l-links tad-*data* tattiċi) u l-ferroviji.

(4) Bi tweġiba għal dan, fis-6 ta' Marzu 2017, is-CEPT issottemettiet Addendum (RSCOM17-07) mar-Rapport 59 tagħha tas-17 ta' Lulju 2016, li jipprovdi konklużjonijiet fir-rigward tal-possibilità ta' użu teknikament armonizzat tal-baned 870-876 MHz u 915-921 MHz biex jippermetti l-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet RFID teknikament avvanzati kif ukoll tagħmir għal meded qosra ġdid li jwassal għal tipi ġodda ta' applikazzjonijiet bejn magna u oħra u tal-IoT. Dawn l-applikazzjonijiet bejn magna u oħra u tal-IoT huma bbażati fuq tagħmir għal meded qosra f'netwerk fil-kontroll ta' punti tal-aċċess tan-netwerk li, bħala punti tal-aċċess tan-netwerk fissi f'netwerk tad-*data*, jaġixxu bħala punt ta' konnessjoni għat-tagħmir għal meded qosra f'netwerk bħal dan għall-pjattaformi tas-servizz barra dak in-netwerk billi jittrasferixxu d-*data* miġbura min-nodi terminali fil-kontroll tagħhom. Dawn il-possibilitajiet għall-armonizzazzjoni jqisu wkoll opportunitajiet ġodda fil-banda 863-868 MHz li diġà huma armonizzati għat-tagħmir għal meded qosra.

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/771/KE tad-9 ta' Novembru 2006 dwar l-armonizzazzjoni tal-ispettru tar-radju għal użu ma' tagħmir għal meded qosra (ĠU L 312, 11.11.2006, p. 66).

([3]) Id-Deċiżjoni Nru 243/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li tistabbilixxi programm pluriennali tal-politika tal-ispettru tar-radju (ĠU L 81, 21.3.2012, p. 7).

(5) L-apparati RFID li jużaw l-ispettru fil-medda aktar baxxa ta' 900 Mhz huma disponibbli kważi kullimkien fid-dinja. Jekk tiġi żgurata d-disponibilità sħiħa tagħhom fl-Unjoni ukoll, dan għandu jsarraf f'opportunitajiet ġodda għall-użu fil-livell globali, li għandu jkun ta' benefiċċju għall-kumpaniji tal-Unjoni. Bl-istess mod, it-tagħmir għal meded qosra f'netwerk, li jippermetti medda wiesgħa ta' applikazzjonijiet tal-IoT, inkluż l-IoT bi prezz baxx, jista' jibbenefika minn din l-armonizzazzjoni globali potenzjali u dan jista' jwassal biex ikunu possibbli applikazzjonijiet bħall-intraċċar globali tal-assi jew jgħin lill-iżviluppaturi innovattivi ta' apparat intelliġenti għad-dar tal-Unjoni biex iżidu s-sehem tas-suq tagħhom. Għalhekk, dawn l-apparati ġodda jirrappreżentaw settur importanti li qed jikber b'mod mgħaġġel u b'potenzjal għoli ta' innovazzjoni. Hu mistenni li l-Unjoni tibbenefika mid-disponibilità kważi globali ta' apparati bħal dawn u applikazzjonijiet korrispondenti u mill-ekonomiji ta' skala importanti u spejjeż aktar baxxi li jirriżultaw billi tiżgura l-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-użu tekniku tal-ispettru fil-baned 874-876 MHz u 915-921 MHz fl-Istati Membri kollha.

(6) Kundizzjonijiet tal-użu tekniku armonizzati jistabbilixxu ambjent kondiviż prevedibbli billi fi ħdan banda tal-frekwenzi għal kategorija partikolari ta' tagħmir għal meded qosra, jispeċifikaw il-qawwa tat-trażmissjoni, is-saħħa tal-kamp u d-densità tal-qawwa, kif ukoll xi parametri addizzjonali u restrizzjonijiet tal-użu, abbażi tal-istudji sottostanti ta' kompatibilità. Hu mistenni li kundizzjonijiet bħal dawn ikunu kapaċi jevitaw l-interferenza ta' ħsara, irawmu l-użu affidabbli u effiċjenti tal-baned tal-frekwenzi u jippermettu flessibilità għal varjetà ta' applikazzjonijiet. B'riżultat ta' dan, hu mistenni li jkun possibbli li l-maġġoranza tat-tagħmir għal meded qosra fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jkun jista' jitħaddem fuq bażi mhux esklussiva u kondiviża, soġġett għal reġim ġenerali ta' awtorizzazzjoni skont il-liġi nazzjonali, simili għat-tagħmir għal meded qosra armonizzat skont id-Deċiżjoni 2006/771/KE. Dan hu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u l-Artikolu 9(3) u (4) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), kif ukoll skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) rigward il-possibilità li jiġu imposti rekwiżiti addizzjonali għall-użu kondiviż mhux esklussiv ta' dawn il-baned għal ċerti raġunijiet, fejn il-kundizzjonijiet tekniċi mhux armonizzati jew il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni ġenerali mhumiex biżżejjed biex jiżguraw kwalità xierqa tas-servizz.

(7) Filwaqt li l-baned 873-876 MHz u 918-921 MHz mhumiex armonizzati għall-użu GSM-R mil-liġi tal-Unjoni jew minn deċiżjoni tal-Kumitat tal-Komunikazzjonijiet Ewropew (ECC), huma jistgħu jintużaw għal dan il-għan fuq bażi nazzjonali soġġetti għal deċiżjoni nazzjonali konformi mar-Regolamenti tar-Radju tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni (Regolamenti tar-Radju tal-UIT). Għalhekk, fejn il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati taħt awtorizzazzjonijiet ġenerali ma jkunux biżżejjed biex jipproteġu użu bħal dan tal-baned 873-876 MHz u 918-921 MHz għal estensjoni nazzjonali tal-GSM għall-ferroviji (E-GSM-R), l-Istati Membri kkonċernati għandhom ikunu jistgħu jagħmlu l-użu tat-tagħmir għal meded qosra soġġett għal awtorizzazzjonijiet individwali mhux esklussivi jew għal rekwiżiti speċifiċi tal-installazzjoni jew tat-tħaddim, restrizzjonijiet ġeografiċi jew tekniki speċifiċi ta' mitigazzjoni mingħajr ma jkun hemm impatt fuq il-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-aċċess għall-ispettru għat-tagħmir għal meded qosra fi ħdan il-baned. Restrizzjonijiet bħal dawn, meta jkunu meħtieġa minn Stat Membru partikolari, jistgħu jiżguraw b'mod speċifiku li jkun hemm koordinazzjoni li tippermetti l-kondiviżjoni ġeografika bejn l-E-GSM-R fuq naħa waħda u t-tagħmir RFID u t-tagħmir għal meded qosra f'netwerk fuq in-naħa l-oħra.

(8) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE, peress li l-Istati Membri jżommu d-dritt li jorganizzaw u jużaw l-ispettru tar-radju tagħhom għal finijiet ta' ordni pubblika u sigurtà pubblika u difiża, jenħtieġ li huma jibqgħu ħielsa li jipproteġu l-użu eżistenti u futur ta' dawn il-baned u ta' baned ta' biswit għall-militar u għal finijiet oħrajn ta' sigurtà pubblika u ta' ordni pubblika, filwaqt li jkomplu l-isforzi lejn l-għan li jkunu disponibbli baned ewlenin minimi armonizzati għat-tagħmir għal meded qosra f'netwerk skont il-kundizzjonijiet tekniċi definiti fid-Deċiżjoni.

(9) Fl-2012, il-komunità ferrovjarja Ewropea bdiet il-proġett Future Rail Mobile Communications System (FRMCS) biex tipprepara għall-introduzzjoni ta' suċċessur għall-GSM-R. Peress li dan il-proġett ma kienx avvanzat biżżejjed fiż-żmien tal-preparazzjoni tal-Addendum (RSCOM17-07) għar-Rapport CEPT 59, l-Addendum ma jiħux inkunsiderazzjoni tali sistema futura. Fid-59 laqgħa, il-Kumitat għall-Ispettru tar-Radju fil-15 u s-16 ta' Marzu 2017 irrikonoxxa dan u stieden lill-Kummissjoni biex taħdem fuq soluzzjoni li tqis il-ħtiġijiet futuri possibbli tal-FRMCS. Għal dak il-għan, fid-19 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni organizzat sessjoni ta' ħidma għall-partijiet ikkonċernati dwar "L-użu effiċjenti tal-ispettru fil-baned 870-876 Mhz u 915-921 MHz mill-Internet tal-Oġġetti (IoT) u l-ferroviji."

([1]) Id-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Id-Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 21).

([2]) Id-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-netwerks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33).

([3]) Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62).

(10) Matul is-sessjoni ta' ħidma, il-partijiet ikkonċernati li kienu preżenti (komunitajiet tal-ferrovija, RFID u IoT) talbu bil-qawwa għall-armonizzazzjoni tal-użu tal-baned 870-876 MHz u 915-921 MHz fil-futur. Fuq il-bażi ta' aktar kontribut mingħandhom u kontribut addizzjonali mis-CEPT (RSCOM18-14) wara s-sessjoni ta' ħidma, u b'qies tal-opinjoni tal-Kumitat għall-Ispettru tar-Radju, jenħtieġ li s-subbaned 874,4-876 MHz u 919,4-921 MHz jiġu riżervati għall-użu futur potenzjali mis-settur ferrovjarju. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun disponibbli l-ispettru xieraq għall-RFID u l-IoT, biex joħorġu l-benefiċċji ewlenin tagħhom u jinkiseb approċċ armonizzat mal-Unjoni kollha. Għal dan il-għan, hu meħtieġ li niddevjaw mill-Addendum tar-Rapport 59 tas-CEPT. Madankollu, din id-devjazzjoni, filwaqt li taġġusta s-sit u d-daqs tal-baned tal-frekwenzi, tibqa' fi ħdan il-limiti tal-kundizzjonijiet tekniċi kif proposti mis-CEPT.

(11) Ir-riżervazzjoni tal-baned 874,4-876 MHz u 919,4-921 MHz għall-FRMCS hi soġġetta għal aktar studju u tista' teħtieġ reviżjoni ta' din id-Deċiżjoni dwar dawn il-baned fil-futur.

(12) Għalkemm din id-Deċiżjoni tippermetti flessibilità akbar fl-implimentazzjoni meta mqabbla mad-Deċiżjoni 2006/771/KE u għalkemm il-protezzjoni tal-użu eżistenti tal-baned għal finijiet ta' ordni pubblika u sigurtà pubblika u difiża u l-ferrovija tista' twassal għal restrizzjonijiet jew saħansitra nuqqas ta' disponibilità parzjali jew totali tal-ispettru f'xi Stati Membri, hi mistennija tevita aktar frammentazzjoni fil-baned u tippermetti l-użu tas-servizzi tal-IoT, inkluż l-RFID, f'baned ewlenin minimi armonizzati mal-Unjoni kollha.

(13) Skont l-Artikoli 5 u 10 tad-Deċiżjoni 676/2002/KE u kif meħtieġ mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/344/KE ([1]) dwar id-disponibbiltà armonizata tal-informazzjoni dwar l-użu tal-ispektrum fil-Komunità, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni lill-Kummissjoni.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Ispettru tar-Radju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Din id-Deċiżjoni tarmonizza l-baned tal-frekwenzi u l-kundizzjonijiet tekniċi relatati għad-disponibilità u l-użu effiċjenti tal-ispettru għat-tagħmir għal meded qosra fi ħdan il-baned tal-frekwenzi 874-876 MHz u 915-921 MHz.

Artikolu 2

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "tagħmir għal meded qosra" tfisser trażmettituri tar-radju li jipprovdu komunikazzjoni li tkun unidirezzjonali jew bidirezzjonali u li jittrażmettu fuq distanza qasira b'qawwa baxxa;

2. "Tagħmir għal meded qosra f'netwerk" tfisser tagħmir għal meded qosra f'netwerk tad-*data*, li potenzjalment ikopri wkoll żoni usa'; it-tagħmir għal meded qosra f'netwerk hu fil-kontroll tal-punti tal-aċċess tan-netwerk;

3. "punt tal-aċċess tan-netwerk" tfisser tagħmir terrestri fiss għal meded qosra f'netwerk tad-*data* li jaġixxi bħala punt ta' konnessjoni għat-tagħmir għal meded qosra l-ieħor fin-netwerk tad-*data* għall-pjattaformi ta' servizzi li jinsabu 'l barra minn dak in-netwerk tad-*data*;

4. "netwerk tad-*data*" tfisser diversi tagħmir għal meded qosra f'netwerk, inkluż il-punt tal-aċċess tan-netwerk bħala komponenti tan-netwerk u l-konnessjonijiet bla fili bejniethom;

5. "fuq bażi ta' bla interferenzi u bla protezzjoni" tfisser li ma tista' tiġi kkawżata l-ebda interferenza ta' ħsara lil kwalunkwe servizz tal-komunikazzjoni bir-radju u li ma tista' ssir l-ebda talba għall-protezzjoni ta' dan it-tagħmir kontra interferenza ta' ħsara li toriġina minn servizzi tal-komunikazzjoni bir-radju fl-istess banda;

6. "kategorija ta' tagħmir għal meded qosra" tfisser grupp ta' tagħmir għal meded qosra jew tagħmir għal meded qosra f'netwerk li juża spettru b'mekkaniżmi tal-aċċess għal spettri tekniċi simili jew ibbażat fuq xenarji ta' użu komuni;

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/344/KE tas-16 ta' Mejju 2007 dwar id-disponibbiltà armonizzata tal-informazzjoni dwar l-użu tal-ispektrum fil-Komunità (ĠU L 129, 17.5.2007, p. 67).

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jindikaw u jagħmlu disponibbli, fuq bażi mhux esklussiva, bla interferenzi u bla protezzjoni, il-baned tal-frekwenzi għat-tipi ta' tagħmir għal meded qosra u tagħmir għal meded qosra f'netwerk, soġġetti għall-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati u l-iskadenzi għall-implimentazzjoni stipulati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu l-użu eżistenti tal-ispettru 874-876 MHz u 915-921 MHz sa fejn hu meħtieġ u fejn ma tista' tinstab l-ebda soluzzjoni ta' protezzjoni alternattiva permezz tal-koordinazzjoni tat-tip diversi ta' użi f'dawk il-baned. Dan jista' jinkludi l-impożizzjoni ta' rekwiżiti tekniċi, ġeografiċi jew operazzjonali addizzjonali għall-użu tal-banda filwaqt li jkun hemm konformità mal-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-aċċess għall-ispettru stabbilit fl-Anness.

3. L-Istati Membri jistgħu jippermettu l-użu tal-baned tal-frekwenzi koperti mill-Anness b'kundizzjonijiet inqas restrittivi jew għal tagħmir għal meded qosra li mhuwiex parti mill-kategorija armonizzata. Dan jibqa' validu sakemm ma jneħħix, jew inaqqas, il-possibilità li t-tagħmir għal meded qosra tal-kategorija armonizzata jkun jista' joqgħod fuq is-sett xieraq ta' kundizzjonijiet tekniċi armonizzati li jippermettu l-użu kondiviż ta' parti speċifika tal-ispettru fuq bażi mhux esklussiva u għal finijiet differenti mit-tagħmir għal meded qosra tal-istess kategorija.

4. L-Istati Membri għandhom jieqfu jintroduċu użi ġodda fis-subbaned 874,4-876 MHz u 919,4-921 MHz sakemm jiġu adottati l-kundizzjonijiet armonizzati għall-użu tagħhom skont id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw l-użu tal-baned tal-frekwenzi 874-876 MHz u 915-921 MHz, inkluż l-użu potenzjali tas-subbaned 874,4-876 MHz u 919,4-921 MHz għall-proġett Future Rail Mobile Communications System (FRMCS), u jirrappurtaw is-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni fuq talba jew fuq inizjattiva tagħhom biex jippermettu r-reviżjoni regolari u f'waqtha tad-Deċiżjoni.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ottubru 2018.

Għall-Kummissjoni
Mariya GABRIEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Baned tal-frekwenzi b'kundizzjonijiet tekniċi armonizzati u skadenzi ta' implimentazzjoni korrispondenti għat-tagħmir għal meded qosra

It-tabella t'hawn taħt tispeċifika kombinazzjonijiet differenti ta' banda tal-frekwenzi u kategorija tat-tagħmir għal meded qosra (kif definit fl-Artikolu 2(6)), u l-kundizzjonijiet tekniċi armonizzati għall-aċċess għall-ispettru u l-implimentazzjoni tal-iskadenzi applikabbli hemmhekk.

Kundizzjonijiet tekniċi ġenerali li japplikaw għall-baned u t-tagħmir għal meded qosra kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni:

— L-Istati Membri jridu jippermettu l-użu tal-ispettru sal-**qawwa tat-trażmissjoni, is-saħħa tal-kamp jew id-densità tal-qawwa** mogħtija f'din it-tabella. Skont l-Artikolu 3(3), huma jistgħu jimponu kundizzjonijiet inqas restrittivi, jiġifieri jippermettu l-użu ta' spettru b'qawwa akbar tat-trażmissjoni, b'saħħa akbar tal-kamp jew b'densità akbar tal-qawwa, diment li din ma tnaqqasx jew ma tikkompromettix il-koeżistenza adattata bejn it-tagħmir għal meded qosra f'baned armonizzati b'din id-Deċiżjoni;

— L-Istati Membri jistgħu jimponu biss il-"**parametri addizzjonali** (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)" identifikati fit-tabella, u ma għandhomx iżidu parametri oħra jew rekwiżiti oħra għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni Kundizzjonijiet anqas restrittivi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tfisser li l-Istati Membri jistgħu jħallu barra għalkollox il-"parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)" f'xi ċellola partikolari jew jippermettu valuri ogħla, diment li ma jiġix kompromess l-arranġament adatt tal-kondiviżjoni fil-banda armonizzata.

— L-Istati Membri jistgħu jimponu ir-"**restrizzjonijiet oħra tal-użu**" identifikati fit-tabella u ma għandhomx iżidu restrizzjonijiet tal-użu addizzjonali diment li ma japplikawx il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3(2). Billi jistgħu jiġu introdotti kundizzjonijiet anqas restrittivi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3), l-Istati Membri jistgħu jħallu barra xi waħda mir-restrizzjonijiet jew ilkoll kemm huma, diment li ma jkunx kompromess l-arranġament adatt tal-kondiviżjoni fil-banda armonizzata.

It-termini użati:

"**Ċiklu ta' ħidma**" hi ddefinita bħala l-proporzjon, espress bħala persentaġġ, ta' Σ(Ton)/(Tobs) fejn Ton hu l-ħin "mixgħul" ta' tagħmir ta' trażmettitur uniku u Tobs hu l-perjodu ta' osservazzjoni. It-Ton jitkejjel f'banda tal-frekwenzi ta' osservazzjoni (Fobs). Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-anness tekniku, it-Tobs hu perjodu kontinwu ta' siegħa u l-Fobs hi l-banda tal-frekwenzi applikabbli f'dan l-anness tekniku. Kundizzjonijiet anqas restrittivi skont it-tifsira tal-Artikolu 3(3) tfisser li l-Istati Membri jistgħu jippermettu valur ogħla għaċ-"ċiklu ta' ħidma".

Nru tal-banda	Banda tal-frekwenzi	Kategorija tat-tagħmir għal meded qosra	Limitu tal-qawwa tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
1	874-874,4 MHz (8)	Tagħmir għal meded qosra mhux speċifiku (1)	Potenza rradjata effettiva (e.r.p.) ta' 500 mW. Hu meħtieġ Kontroll tal-Potenza Adattattiv (APC), inkella tekniki ta' mitigazzjoni oħra li għallinqas ikollhom livell ekwivalenti ta' kompatibbiltà tal-ispettru.	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk it-tekniki rilevanti huma deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2014/53/UE, għandha tiġi żgurata għallinqas prestazzjoni ekwivalenti għal dawn it-tekniki. Il-wisa' tal-banda: ≤ 200 kHz Iċ-ċiklu ta' ħidma: ≤ 10 % għall-punti tal-aċċess tan-netwerk (4) Iċ-ċiklu ta' ħidma: 2,5 % f'każijiet oħra	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu hu disponibbli biss għan-netwerks tad-*data* It-tagħmir kollu fi ħdan in-netwerk tad-*data* għandu jkun fil-kontroll tal-punti tal-aċċess tan-netwerk (4) (5) (6) (7)	fl-1 ta' Frar 2019

Nru tal-banda	Banda tal-frekwenzi	Kategorija tat-tagħmir għal meded qosra	Limitu tal-qawwa tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
2	917,4-919,4 MHz ([9])	Tagħmir wideband tat-trażmissjoni tad-*data* ([3])	Potenza rradjata effettiva (e.r.p.) ta' 25 mW.	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk it-tekniki rilevanti huma deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2014/53/UE, għandha tiġi żgurata għallinqas prestazzjoni ekwivalenti għal dawn it-tekniki. Il-wisa' tal-banda: ≤ 1 MHz Iċ-ċiklu ta' ħidma: ≤ 10 % għall-punti tal-aċċess tan-netwerk ([4]) Iċ-ċiklu ta' ħidma: ≤ 2,8 % f'każijiet oħra	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu hu disponibbli biss għat-tagħmir wideband għal meded qosra f'netwerks tad-*data* It-tagħmir kollu fi ħdan in-netwerk tad-*data* għandu jkun fil-kontroll tal-punti tal-aċċess tan-netwerk ([4]) ([5]) ([6])	fl-1 ta' Frar 2019
3	916,1-918,9 MHz ([10])	Tagħmir tal-Identifikazzjoni bil-Frekwenza tar-Radju (RFID) ([2])	It-trażmissjonijiet tal-interrogatur b'potenza rradjata effettiva (e.r.p.) ta' 4 W huma permessi biss fil-frekwenzi ċentrali 916,3 MHz, 917,5 MHz, 918,7 MHz	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk it-tekniki rilevanti huma deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2014/53/UE, għandha tiġi żgurata għallinqas prestazzjoni ekwivalenti għal dawn it-tekniki. Il-wisa' tal-banda: ≤ 400 kHz	([5]) ([6]) ([7])	fl-1 ta' Frar 2019
4	917,3-918,9 MHz	Tagħmir għal meded qosra mhux speċifiku ([1])	Potenza rradjata effettiva (e.r.p.) ta' 500 mW. It-trażmissjonijiet huma permessi biss fil-medda ta' frekwenzi ta' 917,3-917,7 MHz, 918,5-918,9 MHz Hu meħtieġ Kontroll tal-Potenza Adattattiv (APC), inkella tekniki ta' mitigazzjoni oħra li għallinqas ikollhom livell ekwivalenti ta' kompatibbiltà tal-ispettru.	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk it-tekniki rilevanti huma deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2014/53/UE, għandha tiġi żgurata għallinqas prestazzjoni ekwivalenti għal dawn it-tekniki. Il-wisa' tal-banda: ≤ 200 kHz Iċ-ċiklu ta' ħidma: ≤ 10 % għall-punti tal-aċċess tan-netwerk ([4]) Iċ-ċiklu ta' ħidma: ≤ 2,5 % f'każijiet oħra	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu hu disponibbli biss għan-netwerks tad-*data* It-tagħmir kollu fi ħdan in-netwerk tad-*data* għandu jkun fil-kontroll tal-punti tal-aċċess tan-netwerk ([4]) ([5]) ([6]) ([7])	fl-1 ta' Frar 2019

Nru tal-banda	Banda tal-frekwenzi	Kategorija tat-tagħmir għal meded qosra	Limitu tal-qawwa tat-trażmissjoni/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa	Parametri addizzjonali (regoli dwar it-tqassim tal-kanali u/jew aċċess għall-kanali u l-okkupazzjoni)	Restrizzjonijiet oħra tal-użu	Skadenza tal-implimentazzjoni
5	917,4-919,4 MHz ([9])	Tagħmir għal meded qosra mhux speċifiku ([1])	Potenza rradjata effettiva (e.r.p.) ta' 25 mW.	Għandhom jintużaw tekniki għall-aċċess tal-ispettru u għall-mitigazzjoni tal-interferenzi li jipprovdu livell xieraq ta' prestazzjoni għall-konformità mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE. Jekk it-tekniki rilevanti huma deskritti fi standards armonizzati jew f'partijiet minnhom li r-referenzi għalihom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2014/53/UE, għandha tiġi żgurata għallinqas prestazzjoni ekwivalenti għal dawn it-tekniki. Il-wisa' tal-banda: ≤ 600 kHz Iċ-ċiklu ta' ħidma: ≤ 1 %,	Dan is-sett ta' kundizzjonijiet għall-użu hu disponibbli biss għat-tagħmir għal meded qosra f'netwerks tad-*data* It-tagħmir kollu fi ħdan in-netwerk tad-*data* għandu jkun fil-kontroll tal-punti tal-aċċess tan-netwerk ([4]) ([5]) ([6])	fl-1 ta' Frar 2019

([1]) Il-kategorija tat-tagħmir għal meded qosra mhux speċifiku tkopri t-tipi kollha tat-tagħmir tar-radju, irrispettivament mill-applikazzjoni jew l-iskop, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tekniċi kif speċifikat għal banda speċifika tal-frekwenzi. Fost l-użi tipiċi hemm it-telemetrija, it-telekmand, l-alarms, it-trażmissjonijiet tad-*data* inġenerali u applikazzjonijiet oħra.

([2]) Il-kategorija tat-tagħmir tal-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju (l-RFID) tkopri s-sistemi tal-komunikazzjoni bir-radju bbażati fuq interrogatur/tikketta, li jikkonsistu minn tagħmir tar-radju (tikketti) mehmuża ma' oġġetti animati jew mhux animati u li jikkonsistu minn unitajiet ta' trażmettitur/riċevitur (interrogaturi) li jattivaw it-tikketti u jirċievu lura d-*data*. Fost l-użi tipiċi hemm it-traċċar u l-identifikazzjoni ta' oġġetti, bħal pereżempju għas-sorveljanza elettronika tal-oġġetti (EAS), u l-ġbir u t-trażmissjoni tad-*data* relatata mal-oġġetti li magħhom jinħemżu tikketti, li jistgħu jkunu bla batterija, jaħdmu bl-għajnuna ta' batterija jew jaħdmu bil-batterija. Ir-risponsi minn tikketta jiġu vvalidati mill-interrogatur tagħha u jingħaddu lis-sistema li tospitaha.

([3]) Il-kategorija tat-tagħmir wideband tat-trażmissjoni tad-*data* tkopri t-tagħmir tar-radju li juża tekniki ta' modulazzjoni wideband biex jaċċessa l-ispettru. Fost l-użi tipiċi hemm is-sistemi tal-aċċess mingħajr fili bħalma huma n-netwerks tar-radju ta' żona lokali (WAS/RLANs) jew it-tagħmir għal meded qosra wideband f'netwerks tad-*data*.

([4]) Punt tal-aċċess tan-netwerk f'netwerk tad-*data* hu tagħmir terrestri fiss għal meded qosra li jaġixxi bħala punt ta' konnessjoni tat-tagħmir l-ieħor għal meded qosra f'netwerk tad-*data* għal pjattaformi ta' servizzi li jinsabu 'l barra minn dak in-netwerk tad-*data*. It-terminu "netwerk tad-*data*" jirreferi għal bosta tagħmir għal meded qosra, inkluż il-punt tal-aċċess tan-netwerk, bħall-komponenti tan-netwerks, u għall-konnessjonijiet mingħajr fili bejniethom."

([5]) Skont l-Artikolu 3(1) il-baned tal-frekwenzi għandhom jiġu indikati u magħmula disponibbli fuq bażi mhux esklussiva u ta' kondiviżjoni. Hu mistenni li l-kundizzjonijiet tekniċi armonizati jagħmluha possibbli li bosta tagħmir għal meded qosra fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jitħaddmu soġġetti għar-reġim ta' awtorizzazzjoni ġenerali skont il-liġi nazzjonali. Dan hu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 5 tad-Direttiva 2002/20/KE, l-Artikolu 9(3) u (4) tad-Direttiva 2002/21/KE, l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2014/53/UE u l-Artikolu 3(2), l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-użu ta' din l-entrata b'mod li l-installazzjoni u t-tħaddim isiru biss minn utenti professjonali u jistgħu jikkunsidraw awtorizzazzjoni individwali, eż. għall-amministrazzjoni tal-kondiviżjoni ġeografika u/jew l-applikazzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni biex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-servizzi tar-radju.

([6]) Fl-Istati Membri fejn din il-medda ta' frekwenzi hi użata kollha jew parti minnha għall-ordni pubblika u għal finijiet ta'sigurtà pubblika u d-difiża u fejn il-koordinazzjoni mhix possibbli, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ma jimplimentawx din l-entrata parzjalment jew b'mod sħiħ, skont l-Artikolu 1(4) tad-Deċiżjoni 676/2002/KE u l-Artikolu 3(2) ta' din id-Deċiżjoni.

([7]) Jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' regoli nazzjonali, bħall-koordinazzjoni lokali, biex jiġu evitati l-interferenzi għas-servizzi tar-radju li joperaw f'baned ta' biswit, pereżempju minħabba l-intermodulazzjoni jew l-imblukkar.

([8]) Din il-medda ta' frekwenzi ta' 874-874,4 MHz hi l-banda ewlenija minima armonizzata.

([9]) Din il-medda ta' frekwenzi ta' 917,4-919,4 MHz hi l-banda ewlenija minima armonizzata.

([10]) It-tikketti RFID jirrispondu fuq livell ta' qawwa baxx ħafna (– 10 dBm e.r.p.) f'banda tal-frekwenzi madwar il-kanali tal-interrogatur tal-RFID u jridu jkunu konformi mar-rekwiżiti essenzjali tad-Direttiva 2014/53/UE.